

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/786****tal-15 ta' Ġunju 2020****li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 <sup>(2)</sup> jstabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika tal-prodotti agricoli huma rikonossuti b'ħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.
- (2) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Indja, l-awtorità kompetenti Indjana ssospendiet ir-rikonossiment tagħha ta' "Indian Society for Certification of Organic Products (ISCOP)". Għalhekk, jenħtieġ li dak il-korp ta' kontroll ma jibqax elenkat fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.
- (3) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jinkludi l-kategorija ta' prodotti F (materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni) għall-Ġappun. Madankollu, il-Ġappun ma għandux regoli għall-produzzjoni organika ta' materjal tal-propagazzjoni veġettattiva u ta' żrieragħ għall-kultivazzjoni. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-referenzi għal dik il-kategorija ta' prodotti jitħassru fl-entrata tal-Ġappun f'dak l-Anness. Permezz ta' dak it-tħassir, il-korpi ta' kontroll jistgħu jiġu rikonossuti għal dik il-kategorija ta' prodotti għall-Ġappun għall-finijiet tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Il-Ġappun ġie infurmat dwar dawn il-bidliet.
- (4) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-Repubblika tal-Korea, l-isem tal-korp ta' kontroll "Konkuk University industrial cooperation corps" inbidel għal "KAFCC" u ġew ipprovduti indirizzi ġodda tal-Internet għal "Woorinong Certification" u "Neo environmentally-friendly Certification Center". Barra minn hekk, ġie rtirat ir-rikonossiment tal-korp ta' kontroll "Ecolivestock Association". Fl-aħħar nett, l-awtorità kompetenti Koreana rikonossiet is-sitt korpi ta' kontroll li ġejjin u li jenħtieġ li jinzieđu mal-lista fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008: "Korea Crops Research Institute (co.ltd)", "Korea organic certification", "Jayeondeul agri-food certification institute", "Institute of Organic food Evaluation", "EverGreen Nongouhwi" u "ONNURI ORGANIC Co., Ltd. ".
- (5) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Uniti, l-isem tal-korp ta' kontroll "Primuslabs" inbidel għal "Primus Auditing Operations" u ġie pprovdut indirizz ġdid tal-Internet għal dak il-korp ta' kontroll. L-ismijiet ta' żewġ korpi ta' kontroll li kienu ġew miżjuda bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/25 <sup>(3)</sup> kienu spelluti ħażin. Dawk l-ismijiet jenħtieġ li jiġu kkoreġuti b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/25.
- (6) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jstabbilixxi l-lista tal-awtoritajiet ta' kontroll u tal-korpi ta' kontroll li għandhom il-kompetenza jwettqu kontrolli u joħorġu ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-fini ta' ekwivalenza.
- (7) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "BAŞAK Ekolojik Ürünler Kontrol ve Sertifikasyon Hizmetleri Tic. Ltd" biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonossiment tagħha għall-Kirgiżistan għall-kategoriji tal-prodotti A u D.

<sup>(1)</sup> ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/25 tat-13 ta' Jannar 2020 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2020, p. 18).

- (8) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Beijing Continental Hengtong Certification Co., Ltd”, biex jiġi inkluż fil-lista tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Abbażi tal-informazzjoni li wasltilha, il-Kummissjoni kkonkludiet li hu ġġustifikat li dak il-korp ta’ kontroll jiġi rikonoxxut għall-kategoriji tal-prodotti A u D għaċ-Ċina.
- (9) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Biocert International Pvt Ltd” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Georgia għall-kategorija tal-prodotti A.
- (10) “BioGro New Zealand Limited” innotifika lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-indirizz tiegħu.
- (11) Abbażi tad-dossier ippreżentat minn “Bio.inspecta AG”, il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tiegħu ġie estiż għat-Tuneżija għall-kategoriji tal-prodotti A u D bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/39 <sup>(4)</sup>. Madankollu, billi t-Tuneżija hija elenkata fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għall-kategoriji tal-prodotti A u D, l-Artikolu 10(2)(b) ta’ dak ir-Regolament jipprekludi lill-Kummissjoni milli tinkludi lil Bio.inspecta AG fl-Anness IV għal dak il-pajjiż għal dawk il-kategoriji tal-prodotti. Fl-interess taċ-ċertezza legali, l-aġġustamenti meħtieġa biex Bio.inspecta AG jiddaħħal fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jenħtieġ li jitqiesu bħala emenda, minflok korrezzjoni b’effett retroattiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/39.
- (12) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “CCPB Srl” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għat-Tanzanija u għall-Mozambique għall-kategoriji tal-prodotti C u D.
- (13) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “CERES Certification of Environmental Standards GmbH” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għal Kuba, is-Sudan u l-Kosovo <sup>(5)</sup> għall-kategoriji tal-prodotti A, B u D u għall-Alġerija, il-Bangladesh, il-Burundi, il-Kongo (Brazzaville), iċ-Chad, il-Gambja, il-Guinea u n-Niġer għall-kategoriji tal-prodotti A u D, u li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Belarusja għall-kategorija tal-prodotti B, għall-Ghana għall-kategorija tal-prodotti D, għall-Każakistan għall-kategoriji tal-prodotti B u F u għall-Moldova għall-kategorija tal-prodotti F.
- (14) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Ecocert SA” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għal Dominica għall-kategorija tal-prodotti A u li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Ġappun għall-kategorija tal-prodotti F.
- (15) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Ecovivendi d.o.o. Belgrade” biex jiġi inkluż fil-lista fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi rikonoxxut “Ecovivendi d.o.o. Belgrade” għas-Serbja għall-kategoriji tal-prodotti A u D.
- (16) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Ekoagros” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Belarusja għall-kategoriji tal-prodotti D u F, għall-Każakistan għall-kategoriji tal-prodotti B u D, għar-Russja għall-kategorija tal-prodotti F u għat-Taġikistan għall-kategoriji tal-prodotti B u F.
- (17) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “Japan Organic and Natural Foods Association” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Ġappun għall-kategorija tal-prodotti C.
- (18) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “ORSER” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Azerbajġan, il-Bożnija-Herzegovina, il-Georgia, l-Iran, il-Kirgiżistan, il-Każakistan u t-Turkija għall-kategoriji tal-prodotti B u E.

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/39 tal-10 ta’ Jannar 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jstabilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta’ prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 9, 11.1.2019, p. 106).

<sup>(5)</sup> Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

- (19) “Servicio de Certificación CAAE S.L.U” innotifika lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-indirizz tiegħu.
- (20) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “SIA “Sertifikācijas un testēšanas centrs”” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għat-Turkmenistan għall-kategorija tal-prodotti A.
- (21) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand “TÜV Nord Integra” biex jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tiegħu. Abbażi tal-informazzjoni li rċeviet, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa ġġustifikat li jiġi estiż il-kamp ta’ applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Alġerija għall-kategoriji tal-prodotti A u D.
- (22) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq.
- (23) Il-miżuri previsti f’dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008**

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 hu emendat kif ġej:

- (1) l-Anness III huwa emendat f’konformità mal-Anness I ta’ dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness IV huwa emendat f’konformità mal-Anness II ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Korrezzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008**

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa kkoreġut f’konformità mal-Anness III ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2 għandu japplika mit-3 ta’ Frar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta’ Ġunju 2020.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-entrata dwar l-Indja, fil-punt 5, titħassar ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi IN-ORG-009;
- (2) l-entrata dwar il-Ġappun hija emendata kif ġej:
  - (a) fil-punt 1, titħassar ir-ringiela li tikkonċerna l-kategorija F (materjal tal-propagazzjoni veġetattiva u żrieragħ għall-kultivazzjoni);
  - (b) fil-punt 2, il-frażi introdutturja hija sostitwita b'dan li ġej:
 

“2. Orìgini: prodotti tal-kategorija A li tkabbru fil-Ġappun u prodotti tal-kategorija D ipproċessati fil-Ġappun b'ingredjenti li tkabbru b'mod organiku fil-Ġappun jew li ġew importati lejn il-Ġappun.”;
- (3) fl-entrata dwar ir-Repubblika tal-Korea, il-punt 5 huwa emendat kif ġej:
  - (a) ir-ringieli li jikkonċernaw in-numri tal-kodiċi KR-ORG-006, KR-ORG-009 u KR-ORG-019 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“KR-ORG-006	KAFCC	<a href="http://eco.konkuk.ac.kr">http://eco.konkuk.ac.kr</a>
KR-ORG-009	Woorinong Certification	<a href="https://blog.naver.com/woorinongin/70107436715">https://blog.naver.com/woorinongin/70107436715</a>
KR-ORG-019	Neo environmentally-friendly Certification Center	<a href="https://neofcc.modoo.at/">https://neofcc.modoo.at/</a> ”

- (b) titħassar ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi KR-ORG-025;
- (c) ir-ringieli li ġejjin jiżiedu fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

“KR-ORG-030	Korea Crops Research Institute (co.ltd)	<a href="https://blog.naver.com/kor034">https://blog.naver.com/kor034</a>
KR-ORG-031	Korea organic certification	<a href="http://blog.daum.net/koafc2019">http://blog.daum.net/koafc2019</a>
KR-ORG-032	Jayeondeul agri-food certification institute	<a href="http://www.jaci.kr">www.jaci.kr</a>
KR-ORG-033	Institute of Organic food Evaluation	<a href="http://www.ioe42.com">www.ioe42.com</a>
KR-ORG-034	EverGreen Nongouhwi	<a href="http://blog.naver.com/evergreen8374">http://blog.naver.com/evergreen8374</a>
KR-ORG-035	ONNURI ORGANIC Co., Ltd.	<a href="https://blog.naver.com/onr77830/">https://blog.naver.com/onr77830/</a> ”

- (4) fl-entrata dwar l-Istati Uniti, fil-punt 5, ir-ringiela li tikkonċerna n-numru tal-kodiċi US-ORG-048 hija sostitwita b'dan li ġej:

“US-ORG-048	Primus Auditing Operations	<a href="http://www.primusauditingops.com/">http://www.primusauditingops.com/</a> ”
-------------	----------------------------	---

## ANNEX II

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-entrata dwar BAŞAK Ekolojik Ürünler Kontrol ve Sertifikasyon Hizmetleri Tic. Ltd”, fil-punt 3, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

“KG-BIO-175	Il-Kirgiżistan	X	-	-	x	-	-”
-------------	----------------	---	---	---	---	---	----

- (2) wara l-entrata dwar “BAŞAK Ekolojik Ürünler Kontrol ve Sertifikasyon Hizmetleri Tic. Ltd”, tiddaħħal l-entrata li ġejja: “Beijing Continental Hengtong Certification Co., Ltd”

1. Indirizz: Room 315, No. 18 Jiaomen, Majiaopu West Rd, Beijing, 100068

2. Indirizz tal-Internet: www.bjchtc.com

3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiż terz	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
“CN-BIO-182	Iċ-Ċina	X	-	-	x	-	-”

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u nbid

5. Tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta’ Ġunju 2021.”

- (3) fl-entrata dwar “Biocert International Pvt Ltd”, fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Georgia hija sostitwita b’dan li ġej:

“GE-BIO-177	Il-Georgia	X	-	-	x	x	-”
-------------	------------	---	---	---	---	---	----

- (4) fl-entrata dwar “BioGro New Zealand Limited”, il-punt 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Indirizz: BizDojo, 115 Tory Street, Wellington 6011, New Zealand”

- (5) fl-entrata dwar “Bio.inspecta AG”, fil-punt 3, titħassar ir-ringiela dwar it-Tuneżija;

- (6) fl-entrata dwar “CCPB Srl”, fil-punt 3, jiddaħħlu r-ringiela li ġejjin fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

“MZ-BIO-102	Il-Mozambique	-	-	x	x	-	-
TZ-BIO-102	It-Tanzanija	-	-	x	x	-	-”

- (7) fl-entrata dwar “CERES Certification of Environmental Standards GmbH”, il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) ir-ringiela li ġejjin jiddaħħlu fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

“BD-BIO-140	Il-Bangladesh	X	—	—	x	—	—
BI-BIO-140	Il-Burundi	X	—	—	x	—	—
CB-BIO-140	Kuba	X	x	—	x	—	—
CG-BIO-140	Il-Kongo (Brazzaville)	X	—	—	x	—	—
DZ-BIO-140	L-Alġerija	X	—	—	x	—	—

GN-BIO-140	Il-Guinea	X	—	—	x	—	—
GM-BIO-140	Il-Gambja	X	—	—	x	—	—
NE-BIO-140	In-Niġer	X	—	—	x	—	—
SD-BIO-140	Is-Sudan	X	x	—	x	—	—
TD-BIO-140	Iċ-Chad	X	—	—	x	—	—
XK-BIO-140	Il-Kosovo (*)	X	x	—	x	—	—

(\*) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

(b) ir-ringieli dwar il-Belarussja, il-Ghana, il-Każakistan u l-Moldova huma sostitwiti b'dan li ġej:

"BY-BIO-140	Il-Belarussja	X	x	—	x	—	—
GH-BIO-140	Il-Ghana	X	—	—	x	—	—
KZ-BIO-140	Il-Każakistan	X	x	—	x	—	x
MD-BIO-140	Il-Moldova	X	x	—	x	—	x"

(8) fl-entrata dwar "Ecocert SA", il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) tiddaħħal ir-ringiela li ġejja fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

"DM-BIO-154	Dominica	X	—	—	—	—	—"
-------------	----------	---	---	---	---	---	----

(b) ir-ringiela dwar il-Ġappun hija sostitwita b'dan li ġej:

"JP-BIO-154	Il-Ġappun	—	x	—	x	—	x"
-------------	-----------	---	---	---	---	---	----

(9) wara l-entrata dwar "Ecoglobe", tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"" "Ecovivendi d.o.o. Belgrade"

1. Indirizz: Voje Veljkovica no.5, Belgrade 11000

2. Indirizz tal-Internet: www.ecovivendi.rs

3. In-numri tal-kodiċi, il-pajjiżi terzi u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

Numru tal-kodiċi	Pajjiżi terz	Kategorija tal-prodotti					
		A	B	C	D	E	F
"RS-BIO-183	Is-Serbja	X	-	-	x	-	-"

4. Eċċezzjonijiet: prodotti fil-fażi tal-konverżjoni u nbid

5. Tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta' Ġunju 2021.";

(10) fl-entrata dwar "Ekoagros", fil-punt 3, ir-ringieli dwar il-Belarussja, il-Każakistan, ir-Russja u t-Taġikistan huma sostitwiti b'dan li ġej:

"BY-BIO-170	Il-Belarussja	X	x	—	x	—	x
KZ-BIO-170	Il-Każakistan	X	x	—	x	—	x
RU-BIO-170	Ir-Russja	X	x	—	x	—	x
TJ-BIO-170	It-Taġikistan	X	x	—	x	—	x"

- (11) fl-entrata dwar “Japan Organic and Natural Foods Association”, fil-punt 3, ir-ringiela dwar il-Ġappun hija sostitwita b'dan li ġej:

“JP-BIO-145	Il-Ġappun	—	—	x	x	—	—
-------------	-----------	---	---	---	---	---	---

- (12) fl-entrata dwar “ORSER”, fil-punt 3, ir-ringieli dwar l-Ażerbajġan, il-Bożnija-Herzegovina, il-Georgia, l-Iran, il-Kirgiżistan, il-Każakistan u t-Turkija huma sostitwiti b'dan li ġej:

“AZ-BIO-166	L-Ażerbajġan	x	x	-	x	x	-
BA-BIO-166	Il-Bożnija-Herzegovina	x	x	-	x	x	-
GE-BIO-166	Il-Georgia	x	x	-	x	x	-
IR-BIO-166	L-Iran	x	x	-	x	x	-
KG-BIO-166	Il-Kirgiżistan	x	x	-	x	x	-
KZ-BIO-166	Il-Każakistan	x	x	-	x	x	-
TR-BIO-166	It-Turkija	x	x	-	x	x	-

- (13) fl-entrata dwar “Servicio de Certificación CAAE S.L.U”, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Indirizz: Avenida Diego Martínez Barrio n° 10 3rd floor module 12, 41013 Sevilla, Spanja”;

- (14) fl-entrata dwar “SIA “Sertifikācijas un testēšanas centrs””, fil-punt 3, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

“TM-BIO-173	It-Turkmenistan	x	-	-	-	-	-
-------------	-----------------	---	---	---	---	---	---

- (15) fl-entrata dwar “TÜV Nord Integra”, fil-punt 3, tiddaħħal ir-ringiela li ġejja fl-ordni tan-numri tal-kodiċi:

“DZ-BIO-160	L-Alġerija	x	-	-	x	-	-
-------------	------------	---	---	---	---	---	---

## ANNEX III

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008, fl-entrata dwar l-Istati Uniti, fil-punt 5, ir-ringieli li jikkonċernaw in-numri tal-kodiċi US-ORG-063 u US-ORG-067 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“US-ORG-063	Eco-Logica S.A	<a href="http://www.eco-logica.com/">http://www.eco-logica.com/</a>
US-ORG-067	OnMark Certification Services	<a href="http://onmarkcertification.com/">http://onmarkcertification.com/}</a> ”